# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Iż-żgħażagħ jikkostitwixxu qasam tal-politika nazzjonali. Għalhekk, l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri hija eskluża. Fil-livell Ewropew, il-politika taż-żgħażagħ hija deċiża skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Il-qasam taż-żgħażagħ tal-programm Erasmus+ jinkoraġġixxi l-iskambji ta' żgħażagħ fi ħdan l-UE kif ukoll ma' pajjiżi terzi. Matul l-aħħar ftit snin, l-Unjoni Ewropea saħħet il-politiki tagħha għaż-żgħażagħ, pereżempju bl-inizjattiva tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huma l-bażi għall-azzjoni tal-UE fil-qasam taż-żgħażagħ. L-azzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 165 u 166 hija soġġetta għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Fir-rigward tal-politika dwar iż-żgħażagħ, kwalunkwe armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri hija espressament eskluża. Il-Kunsill jista' jadotta rakkomandazzjonijiet abbażi ta' proposti tal-Kummissjoni.

Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-trattati (l-Artikolu 6 tat-TUE), tinkludi artikolu dwar id-drittijiet tat-tfal (l-Artikolu 24) kif ukoll artikolu dwar il-projbizzjoni tax-xogħol tat-tfal u dwar il-ħarsien taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol (l-Artikolu 32).

## L-OBJETTIVI

L-Artikolu 165 tat-TFUE jipprevedi azzjoni tal-Unjoni sabiex tħeġġeġ l-iżvilupp ta' skambji fost iż-żgħażagħ u skambji ta' edukaturi soċjoedukattivi, jiġifieri ħaddiema żgħażagħ, u – bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona – biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa. L-Artikolu 166 jippermetti lill-UE timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali biex tappoġġa u tissupplementa l-azzjoni tal-Istati Membri. Jagħti l-kompitu lill-Unjoni li tiffaċilita l-aċċess għat-taħriġ vokazzjonali u li tinkoraġġixxi l-mobilità tal-edukaturi u ta' min jitħarreġ, b'mod partikolari taż-żgħażagħ.

Minbarra dawn l-artikoli, it-tfal u ż-żgħażagħ jibbenefikaw minn politiki tal-UE f'oqsma oħra, bħall-edukazzjoni, it-taħriġ u s-saħħa, jew fir-rigward tad-drittijiet u l-protezzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ.

## IL-KISBIET

**A.** Qafas Strateġiku

**1.** L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2010-2018

F'Novembru 2009, il-Kunsill adotta riżoluzzjoni dwar qafas imġedded għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażagħ għall-perjodu 2010-2018 (ĠU C 311, 19.12.2009, p. 1-11). Iż-żewġ objettivi ewlenin tagħha huma li jinħolqu aktar opportunitajiet u opportunitajiet indaqs għaż-żgħażagħ fl-edukazzjoni u fis-suq tax-xogħol u l-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà taż-żgħażagħ. Għandhom jittieħdu inizjattivi fi tmien oqsma ta' azzjoni: l-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi u l-intraprenditorija, is-saħħa u l-benesseri, il-parteċipazzjoni, l-attivitajiet volontarji, l-inklużjoni soċjali, iż-żgħażagħ u d-dinja, u l-kreattività u l-kultura.

Il-ħidma ssir f'ċikli ta' ħidma ta' tliet snin. Għaċ-ċiklu kurrenti, mill-2016 sal-2018, il-Kunsill identifika sitt għanijiet essenzjali: (1) aktar inklużjoni soċjali taż-żgħażagħ kollha; (2) parteċipazzjoni akbar taż-żgħażagħ kollha fil-ħajja demokratika u ċivili fl-Ewropa; (3) tranżizzjoni eħfef taż-żgħażagħ miż-żgħożija għall-ħajja adulta, partikolarment fir-rigward tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; (4) appoġġ għas-saħħa u l-benesseri taż-żgħażagħ, inkluża s-saħħa mentali; (5) kontributi biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tal-era diġitali għall-politika dwar iż-żgħażagħ, il-ħidma fost iż-żgħażagħ u ż-żgħażagħ; u (6) kontributi biex ikun hemm reazzjoni għall-opportunitajiet u l-isfidi li jirriżultaw mill-għadd dejjem jikber ta' migranti u rifuġjati żgħażagħ fl-UE.

**2.** L-istrateġija Ewropa 2020

Varata fl-2010, l-istrateġija Ewropa 2020 tiffoka fuq iż-żgħażagħ u tittratta objettivi differenti, inklużi t-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola, iż-żieda fil-proporzjon ta' gradwati żgħażagħ, u l-iżvilupp ta' pakkett komprensiv ta' inizjattivi ta' politika għall-edukazzjoni u l-impjieg. Din tinkludi "L-ewwel impjieg EURES tiegħek", skema ta' mobilità tal-impjiegi biex tiffaċilita l-kollokament f'impjieg madwar l-Ewropa kollha.

Fil-komunikazzjoni tagħha ta' Mejju 2018 bit-titolu "L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażagħ: Strateġija tal-UE dwar iż-Żgħażagħ" (COM(2018)0269), il-Kummissjoni pproponiet li tingħata attenzjoni partikolari lill-oqsma ta' attività li ġejjin:

- It-tħeġġiġ tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja ċivika u demokratika;
- Il-konnessjoni taż-żgħażagħ madwar l-Unjoni Ewropea u lil hinn biex jiġu mħeġġa l-involviment volontarju, il-mobilità fil-qasam tat-tagħlim, is-solidarjetà u l-fehim interkulturali;
- L-appoġġ tal-emanċipazzjoni taż-żgħażagħ permezz tal-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma taż-żgħażagħ.

**B.** Programmi ta' nfiq rilevanti tal-UE

**1.** Erasmus+

Erasmus+ fih kapitolu speċifiku dwar iż-żgħażagħ, li għalih ġew allokati madwar EUR 2.1 biljun. L-objettivi speċifiċi tiegħu huma: (1) it-titjib tal-livell ta' kompetenzi u ħiliet essenzjali taż-żgħażagħ, u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika fl-

Ewropa u fis-suq tax-xogħol, iċ-ċittadinanza attiva, id-djalogu interkulturali, l-inklużjoni soċjali u s-solidarjetà; (2) it-trawwim ta' titjib ta' kwalità fil-ħidma taż-żgħażagħ; (3) l-ikkomplementar ta' politiki ta' riforma f'livell lokali, reġjonali u nazzjonali u l-appoġġ tal-iżvilupp ta' politika għaż-żgħażagħ ibbażata fuq l-għarfien u l-evidenza; u (4) it-titjib tad-dimensjoni internazzjonali tal-attivitajiet taż-żgħażagħ u tar-rwol tal-ħaddiema żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ bħala strutturi ta' appoġġ għaż-żgħażagħ.

Erasmus+ jappoġġa direttament lis-Servizz Volontarju Ewropew (SVE). Is-SVE huwa mfassal biex jgħin liż-żgħażagħ iqattgħu xi żmien barra minn pajjiżhom waqt li jipparteċipaw fi proġetti ta' volontarjat. Din l-iskema ta' tagħlim mhux formali hija ċertifikata fl-Ewropa kollha permezz tal-għodda ta' rikonoxximent Youthpass.

Programm li oriġina mill-programm Erasmus+, Erasmus għal Imprendituri Żgħażagħ jagħti l-opportunità lil imprendituri li jipprometti li jitgħallmu minn min għandu esperjenza fil-ġestjoni ta' negozji żgħar f'pajjiżi parteċipanti oħra.

**2.** Erasmus 2021-2027

Fil-proposta tagħha għall-programm Erasmus il-ġdid għall-2021-2027 (COM(2018)0367), il-Kummissjoni tirrakkomanda l-irduppjar tal-baġit għal EUR 30 biljun mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, bi EUR 3.1 biljun allokati għaż-żgħażagħ. Wieħed mill-għanijiet tal-proposta huwa l-promozzjoni ta' identità Ewropea bl-esperjenza ta' vvjaġġar DiscoverEU, li tagħti liż-żgħażagħ opportunitajiet biex jiskopru l-wirt u d-diversità kulturali tal-Ewropa. Il-benefiċjarji tal-programm jinkludu studenti tal-iskola u studenti tal-edukazzjoni għolja, iżda anke trainees u ħaddiema żgħażagħ.

**C.** Inizjattivi oħra tal-UE

**1.** Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ

F'April 2013, il-Kunsill adotta rakkomandazzjoni dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 120, 26.4.2013, p. 1-6). Dan huwa impenn importanti ferm biex ikun żgurat li ż-żgħażagħ jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, aktar edukazzjoni jew taħriġ fi żmien erba' xhur minn meta jsiru qiegħda jew itemmu l-edukazzjoni formali. Minkejja li l-Istati Membri għad iridu jimplimentaw u jiffinanzjaw din il-politika, il-kofinanzjament tal-UE diġà huwa disponibbli għal reġjuni b'rata ta' qgħad fost iż-żgħażagħ ogħla minn 25% permezz ta' linja baġitarja dedikata, l-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażagħ u l-Fond Soċjali Ewropew[1].

**2.** Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (KES) huwa inizjattiva li ġiet varata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2016. Jagħti liż-żgħażagħ ta' bejn it-18-il sena u t-30 sena l-possibbiltà li jagħmlu volontarjat jew xogħol fuq proġetti f'pajjiżhom stess jew barra pajjiżhom. Sal-lum irreġistraw total ta' 72,000 żagħżugħ u żagħżugħa, u 7,000 minnhom huma involuti direttament f'attivitajiet ta' solidarjetà. F'Awwissu 2018, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet ikkonċernati kollha jippreżentaw ideat għal proġetti ġodda taħt l-iskema. Ġew allokati total ta' EUR 44 miljun mill-baġit tal-UE għall-proġetti magħżula, li se jkunu

[1]Għal aktar informazzjoni, ara l-Iskeda Informattiva 2.3.2 dwar il-Fond Soċjali Ewropew, taqsima B.2.

miftuħa għaż-żgħażagħ kollha fl-Ewropa u lil hinn minnha. Fil-11 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppubblikat il-proposta tagħha għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà wara l-2020, u allokat EUR 1.26 biljun biex madwar 350,000 żagħżugħ u żagħżugħa jkunu jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' solidarjetà (COM(2018)0440).

**3.** Politiki dwar il-protezzjoni tat-tfal

Kif stabbilit fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC), tifel jew tifla jfissru kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena. It-Trattat ta' Lisbona introduċa objettiv għall-UE biex tippromwovi d-drittijiet tat-tfal, filwaqt li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet tat-tfal mill-istituzzjonijiet tal-UE, kif ukoll mill-Istati Membri.

Fil-15 ta' Frar 2011, il-Kummissjoni adottat komunikazzoni bit-titolu "Aġenda tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal" (COM(2011)0060). L-iskop tagħha huwa l-affermazzjoni mill-ġdid tal-impenn sod tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-Istati Membri kollha biex jippromwovu, iħarsu u jwettqu d-drittijiet tat-tfal fil-politiki rilevanti kollha tal-UE, u biex dan jissarraf f'riżultati konkreti. Id-drittijiet tat-tfal u l-prevenzjoni tal-vjolenza kontra t-tfal, iż-żgħażagħ, in-nisa u gruppi oħra f'riskju huma mħarsa u promossi wkoll taħt il-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza (2014-2020).

Fl-2016, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw direttiva dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1), sabiex jiġi żgurat li tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali jkunu kapaċi jifhmu u jsegwu dawk il-proċedimenti u jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal proċess ġust, kif ukoll biex jiġi evitat li t-tfal iwettqu l-istess reat u titħeġġeġ l-integrazzjoni soċjali tagħhom.

**4.** Iż-żgħażagħ u l-media

It-teknoloġiji online jipprovdu opportunitajiet uniċi għat-tfal u ż-żgħażagħ billi jipprovdu aċċess għall-għarfien u jippermettu li dawn jibbenefikaw minn tagħlim diġitali u jipparteċipaw fid-dibattitu pubbliku. Madankollu, it-tfal jistgħu jkunu wkoll partikolarment vulnerabbli għat-teknoloġija moderna. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva (ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1) tipprojbixxi l-inklużjoni fis-servizzi tat-televiżjoni lineari ta' kwalunkwe kontenut li jista' jkun serjament ta' ħsara għall-minorenni. Kontenut li x'aktarx ikun ta' ħsara għall-minorenni jew irid jixxandar f'ħin meta ma jkunux jistgħu jarawh, inkella jrid jiġi mblukkat bl-użu ta' mezzi teknoloġiċi sabiex ma jkollhomx aċċess għalih. Għal servizzi medjatiċi awdjoviżivi on-demand mhux lineari, il-kontenut rispettiv jista' jkun disponibbli biss b'tali mod li l-minorenni normalment ma jiġux f'kuntatt miegħu.

**5.** Il-Portal għaż-Żgħażagħ Ewropej

Il-Portal għaż-Żgħażagħ Ewropej huwa paġna web mfassla għaż-żgħażagħ madwar l-Ewropa kollha sabiex tgħinhom isibu tarf il-bosta opportunitajiet li l-UE toffri f'oqsma ta' interess differenti, bħall-volontarjat, ix-xogħol, it-tagħlim, il-kultura u l-kreattività, u ħafna oħrajn.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament dejjem appoġġa kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri fil-qasam taż-żgħażagħ. Huwa akkumpanja u ħa rwol attiv fit-tfassil tal-politika taż-żgħażagħ, pereżempju fir-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar "Strateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ – Investiment u Responsabilizzazzjoni" (ĠU CE 161, 31.5.2011, p. 21), dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2010-2012 (ĠU C 93, 9.3.2016, p. 61), dwar il-valutazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ 2013-2015 (ĠU C 215, 19.6.2018, p. 212) u dwar Garanzija għaż-Żgħażagħ (ĠU C 440, 30.12.2015, p. 67).

Bosta riżoluzzjonijiet oħra dwar l-impjieg taż-żgħażagħ (pereżempju ĠU C 224, 21.6.2016, p. 19), l-intraprenditorija (ĠU C 316, 22.9.2017, p. 76) u dwar politiki għall-ġlieda kontra l-qgħad fost iż-żgħażagħ (ĠU C 11, 12.1.2018, p. 44) ġew adottati f'dawn l-aħħar snin.

Il-Parlament jissalvagwardja wkoll l-aħjar interessi tat-tfal abbażi tal-petizzjonijiet indirizzati lilu (ĠU C 66, 21.2.2018, p. 2), u adotta riżoluzzjoni dwar it-tnaqqis tal-inugwaljanzi b'enfasi speċjali fuq il-faqar fost it-tfal (ĠU C 366, 27.10.2017, p. 19). Il-Parlament iffoka wkoll fuq id-drittijiet tat-tfal lil hinn mill-fruntieri tal-UE, il-promozzjoni ta' riżoluzzjonijiet dwar is-sitwazzjoni tat-tfal madwar id-dinja kollha, bħal dwar l-edukazzjoni għal tfal f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u kriżijiet imtawla (ĠU C 366, 27.10.2017, p. 151) jew dwar in-nutrizzjoni ħażina tat-tfal fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw (ĠU C 289, 9.8.2016, p. 71). Fl-2015, adotta riżoluzzjoni dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online (ĠU C 316, 30.8.2016, p. 109)[2]. Matul is-sessjoni parzjali tiegħu f'Ottubru 2018, adotta l-proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva riveduta (P8_TA(2018)0364). Skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda, ix-xandara jkollhom inaqqsu l-esponiment tat-tfal għall-pubbliċità dwar ikel jew xorb mhux tajjeb għas-saħħa; il-kontenut li jinċita għall-vjolenza, il-mibegħda u t-terroriżmu jkun ipprojbit; u l-pornografija u l-vjolenza żejda jkunu soġġetti għal regoli mill-aktar stretti.

Fin-negozjati dwar il-programm Erasmus+ fl-2012-2013, il-Parlament ħeġġeġ b'qawwa kapitolu separat dwar iż-żgħażagħ u baġit speċifiku għall-azzjonijiet ewlenin tiegħu. Enfasizza wkoll li l-possibilitajiet għall-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ żvantaġġati għandhom jittejbu. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Settembru 2017 (ĠU C 337, 20.9.2018, p. 131), ippropona li l-programm suċċessur għandu jiffoka fuq it-tagħlim u l-mobilità tul il-ħajja u rrakkomanda li jiġu allinjati l-prijoritajiet tal-programm Erasmus, tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażagħ u ta' programmi oħra ffinanzjati mill-UE. F'Ġunju 2018, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu ftehim politiku dwar il-proposta li tikkonċerna l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li ż-żewġ istituzzjonijiet issa jridu jadottaw formalment.

Biex iħeġġeġ liż-żgħażagħ jaħdmu fuq proġetti Ewropej tagħhom stess, fl-2008 l-Parlament, flimkien mal-Fondazzjoni tal-Premju Internazzjonali Karlu Manju ta' Aachen, vara l-Premju Ewropew Karlu Manju għaż-Żgħażagħ, li jingħata kull sena għal proġetti li jippromwovu l-komprensjoni Ewropea u internazzjonali.

[2]Għal aktar informazzjoni, ara l-Iskeda Informattiva 3.6.2 dwar il-politika awdjoviżiva u tal-media.

Michaela Franke / Pierre Hériard
09/2018